



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2021
C(2021) 3656 final

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 27.5.2021

dwar il-bidliet fil-karatteristiċi tal-fondi ffriżati

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 27.5.2021

dwar il-bidliet fil-karatteristiċi tal-fondi ffriżati

IT-TALBA GĦAL OPINJONI

Fir-rwol tagħha bħala l-gwardjan tat-trattati, il-Kummissjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem “il-Kummissjoni”) tissorvelja l-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)¹.

Fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (national competent authority, NCA) tal-Istati Membri jistgħu jitkolbu lill-Kummissjoni tagħti l-fehmiet tagħha dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-atti legali rilevanti jew tagħti gwida dwar l-implementazzjoni tagħhom. L-NCAs jistgħu jitkolbu wkoll lill-Kummissjoni tagħti gwida dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 215 TFUE stess.

Il-Kummissjoni rċeviet, minn żewġ NCAs, talbiet għal opinjoni dwar it-tibdil tal-karatru u l-post tal-fondi ffriżati skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011² (ir-“Regolament dwar il-Libja”) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012³ tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ir-“Regolament dwar is-Sirja”), rispettivament.

SFOND

Il-mistoqsija li saret mill-ewwel NCA tikkonċerna kompartiment ta' fond ta' investiment tal-UE fejn bank ibbażat fl-UE jkollu parteċipazzjoni f'isem entità elenka skont ir-Regolament dwar il-Libja. L-NCA tistaqsi jekk il-likwidazzjoni ta' dan il-kompartiment mill-kumpanija ta' investiment maniġerjali, segwita mill-iffriżar tar-rikavati attribwibbli għall-entità elenka f'kont segregat fil-bank ibbażat fl-UE, tkunx kompatibbli mar-Regolament dwar il-Libja. L-NCA tistaqsi wkoll jekk dawn l-azzjonijiet jeħtiġux awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA.

It-tieni NCA tistaqsi jekk fergħa bankarja stabilita fi Stat Membru, li ffriżat kont mistuħ f'dinil-fergħa minn entità elenka skont ir-Regolament dwar is-Sirja, hijex intitolata li ċċaqlaq (“riktieb”) il-kont għall-bank prinċipali li jinsab fir-Renju Unit (United Kingdom, “UK”), u jekk din iċ-ċaqliqa tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA.

Billi ż-żewġ mistoqsijiet jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-kunċett ta’ “iffriżar ta' fondi” u l-konsegwenzi marbuta miegħu, il-Kummissjoni se tirrispondihom flimkien.

VALUTAZZJONI LEGALI

- Qafas ġuridiku

¹ Skont it-Trattati, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss tista' tipprovdi interpretazzjonijiet legalment vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni.

² ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

³ ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

Skont l-Artikolu 1(b) tar-Regolament dwar il-Libja u l-Artikolu 1(i) tar-Regolament dwar is-Sirja, “*l-iffrīżar tal-fondi*” jfisser “*il-prevenzjoni ta' kull moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi li b'kull mod jirriżulta f'xi bidla fil-volum, fl-ammont, fil-post, fid-dritt tal-proprietà, fil-pussess, fil-karatru, fid-destinazzjoni tagħhom jew kull bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolji;*”(l-enfasi miżjud).

L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Libja jistabbilixxi li :

1. *Il-fondi u r-iżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, li huma l-proprietà ta', li huma miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni fizċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkti fl-Annessi II u III jiġu ffriżati.*
2. *L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma jsir disponibbli għal persuni fizċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkti fl-Annessi II u III.*
3. *Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, b'mod dirett jew b'mod indirett, li jiġu evitati l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.”*

Formulazzjoni simili, fis-sustanza, tinsab fl-Artikolu 14 tar-Regolament dwar is-Sirja .

L-iffrīżar ta' fondi huwa maħsub biex jipprevjeni kull azzjoni li tippermetti li l-fondi jintużaw. Dan jimplika li, fil-prinċipju, bidliet għal ċerti karatteristiċi tal-fondi mhumiex prekużi, sakemm dawn ma jaffettwawx il-kontinwitā ta' ffriżar tal-assi.

b) Mistoqsija 1: Bidla fil-karatru tal-fondi ffriżati

Bidla fil-karatru tal-ishma ffriżati ma tiksirx l-iffrīżar tal-assi stabbilit skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Libja jekk il-bidla ma tippermettix li l-fondi jintużaw (minn xi ħadd) sakemm il-miżuri restrittivi tal-UE jkunu fis-seħħ. L-iffrīżar immedjat tar-rikavat li jirriżulta huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li din il-kundizzjoni tiġi ssodisfata.

Il-miżuri restrittivi la huma punittivi u lanqas huma konfiskatorji fin-natura tagħhom, iżda huma strumenti preventivi. Filwaqt li r-Regolament dwar il-Libja jirrikjedi u jintitola lill-operaturi tal-UE biex iwettqu kull azzjoni meħtieġa biex jiffriżaw il-fondi, dan ma jagħtix dritt ta' dispożizzjoni ta' dawn l-assi jew dritt li jimponu fuq is-sidien tagħhom piżżejjiet jew telf li mhumiex inerenti għall-iffrīżar tal-assi.

Huwa fil-kompetenza tal-NCA li tivverifika jekk, u li tissodisfa ruħha li, l-azzjonijiet li jirriżultaw f'bidla fil-karatru tal-fondi ma jwasslux biex jippermettu l-użu tal-fondi.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament dwar il-Libja, l-NCA għandha tissodisfa ruħha li l-bidliet imsemmija hawn fuq ma għandhomx l-għan jew l-effett li jevitaw l-iffrīżar tal-assi rispettiv.

c) Mistoqsija 2: Bidla tal-post ta' kont iffrīżat lejn ir-Renju Unit

Skont l-Artikolu 35(e) tar-Regolament dwar is-Sirja, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att, inkluż l-Artikolu 14, japplikaw għal kull persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parżjalment fl-Unjoni. Minn dan isegwi li l-fergħa tal-UE ta' bank prinċipali tar-Renju Unit, minkejja li ma tkunx inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru, trid tapplika r-Regolament meta tagħti bidu għal trasferiment bankarju mill-UE għar-Renju Unit.

Bis-saħħha tal-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-ħruġ⁴, ir-Renju Unit kien marbut li japplika l-liġi tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2020, li mmarkat it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Sa din id-data, ir-Renju Unit baqa' marbut bis-šiħ bil-miżuri restrittivi tal-UE, u l-kontijiet irreġistrati mill-ġdid kienu jkunu soġġetti għall-istess obbligi ta' ffrīżar fir-Renju Unit bħalma kienu jkunu fi kwalunkwe Stat Membru.

Madankollu, mill-1 ta' Jannar 2021, għadd ta' entrati li qabel kienu ddeżinjati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż ir-Regolament dwar is-Sirja, ma għadhomx deżinjati skont il-liġi tar-Renju Unit. B'rīzultat ta' dan, dawn l-entrati bħalissa mhumiex soġġetti għal iffrīżar tal-assi fir-Renju Unit jew elenkti fil-lista konsolidata ta' dan il-pajjiż. Dan ifisser li, mill-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit, bħala pajjiż terz, ma għandux fis-seħħ miżuri identiċi għall-miżuri restrittivi awtonomi tal-UE, inklużi dawk li jikkonċernaw is-Sirja.

Għalhekk, il-bank prinċipali kien soġġett għall-istess obbligi ta' ffrīżar bħall-fergħa orīginarja tal-UE sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni biss.

Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2021, qabel ma kont iffrīżat jiġi rriżervat mill-ġdid fir-Renju Unit, il-fergħa tal-UE trid tivverifika li d-detentur tal-kont huwa wkoll soġġett għal iffrīżar tal-assi fir-Renju Unit. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-bidla fil-post tal-kont iffrīżat għar-Renju Unit tkun immedjatamentek ekwivalenti għal ksur tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament dwar is-Sirja. Jekk il-fondi inkwistjoni tibbenifika minnhom il-persuna maħtura, dan ikun jammonta wkoll għal ksur tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar is-Sirja.

Skont 1-Artikolu 28 tar-Regolament dwar is-Sirja, l-operaturi ekonomiċi ma jġarrbu l-ebda responsabbiltà jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettar, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru r-Regolament. Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-possibbiltà li fil-futur ir-Renju Unit jadotta aktar miżuri diverġenti għandha tiġi kkunsidrata kif xieraq.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa f'id-ejn il-fergħa tal-UE tal-oriġini li tivvaluta u ttaffi r-riskju li l-miżuri restrittivi tar-Renju Unit dwar is-Sirja jistgħu jkomplu jiddevjaw minn dawk adottati mill-UE u b'hekk jistgħu jagħmlu t-trasferiment f'dan il-każ inkompatibbli ma' dawn il-miżuri tal-aħħar. In-nuqqas ta' dan l-obbligu jista' jwassal, fil-fehma tal-Kummissjoni, għal ksur tal-iffrīżar tal-assi stabbilit fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament dwar is-Sirja jekk il-bidla fil-post tal-kont iffrīżat sussegwentement tippermetti li jintużaw il-fondi li hemm fi. Jekk il-fondi inkwistjoni tibbenifika minnhom il-persuna maħtura, dan ikun jammonta wkoll għal ksur tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar is-Sirja. Huwa fil-kompetenza tal-NCA li tivverifika jekk il-fergħa inkwistjoni kellhiex raġunijiet suffiċċenti biex tikkonkludi li trasferimenti lejn ir-Renju Unit ma jippermettix xi użu eventwali tal-fondi inkwistjoni.

Barra minn hekk, skont 1-Artikolu 14(3) tar-Regolament dwar is-Sirja, l-operaturi tal-UE, inklużi banek u operaturi ekonomiċi oħra, huma pprojbiti milli jipparteċipaw konxjament u intenzjonalment f'attivitajiet li l-ġħan jew l-effett tagħhom huwa, direttament jew indirettament, li jevitaw l-iffrīżar tal-assi impost mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament dwar is-Sirja. Projbizzjoni iktar ġenerali li wieħed jipparteċipa, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-ġħan jew l-effett tagħhom huwa li jevitaw, *inter alia*, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14, tinsab fl-Artikolu 27a tar-Regolament dwar is-Sirja.

It-trasferimenti ta' kontijiet jew fondi ffriżati lejn ir-Renju Unit jistgħu jsiru b'mod eċċeżżjoni għal raġunijiet validi u legalment sodi. Madankollu, minħabba li r-riskji għall-iffrīżar kontinwu tal-fondi assoċjati ma' dan il-kuntest jistgħu jimmaterjalizzaw mill-1 ta' Jannar 2021, jekk imbagħad tirriżulta diverġenza bejn il-miżuri restrittivi tal-UE u l-miżuri

⁴ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (2019/C 384 I/01, ĠU C 384I, p. 1).

restrittivi tar-Renju Unit, bħal f'dan il-każ speċifiku, u l-fergħa tal-UE ma tiħux passi raġonevoli biex tipprevjeni din il-bidla fil-post, fil-fehma tal-Kummissjoni l-NCA tista' tqis dan bħala indikazzjoni li l-fergħa inkwistjoni pparteċipat konxjament u intenzjonalment f'attività li l-effett tagħha kien li tevita l-iffriżar tal-assi.

d) L-awtorizzazzjoni minn qabel mill-NCA

Iż-żewġ Regolamenti inkwistjoni ma fihomx rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni minn qabel bħala tali għal bidliet bħal dak deskrīt fil-mistoqsijiet tal-NCAs. Madankollu, biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn ir-Regolamenti u tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri restrittivi, l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament dwar il-Libja u l-Artikolu 29(1)(a) tar-Regolament dwar is-Sirja jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi tal-UE jinfurmaw "immedjatamente" lill-NCAs dwar il-kontijiet u l-ammonti ffriżati, inklūži bidliet fihom. L-istess dispożizzjonijiet jindikaw li l-Kummissjoni trid tiġi informata wkoll. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament dwar il-Libja u l-Artikolu 29(1)(b) tar-Regolament dwar is-Sirja, l-operaturi tal-UE huma meħtieġa wkoll jikkooperaw mal-NCAs f'kull verifika ta' din l-informazzjoni.

KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li:

- (1) **Bidla fil-karatru tal-fondi ffriżati skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tkun inkompatibbli ma' dan ir-Regolament jekk tippermetti li l-fondi jintużaw minn kwalunkwe persuna fi kwalunkwe ħin waqt li jkunu fis-seħħ il-miżuri restrittivi tal-UE, jew jekk ikollha l-għan jew l-effett li tevita l-iffriżar tal-assi. Huwa fil-kompetenza tal-NCA li tivverifika jekk, u li tissodisfa lilha nnifisha li, l-azzjonijiet li jirriżultaw f'bidla fil-karatru tal-fondi ffriżati ma jirriżultawx f'li jippermettu l-użu tagħhom jew li jevitaw l-iffriżar tal-assi.**
- (2) **Bidla fil-post ta' kont iffriżat skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, minn Stat Membru għar-Renju Unit, tkun inkompatibbli ma' dan ir-Regolament jekk tippermetti li l-fondi jintużaw minn kwalunkwe persuna fi kwalunkwe ħin waqt li jkunu fis-seħħ il-miżuri restrittivi tal-UE, jew jekk ikollha l-għan jew l-effett li tevita l-iffriżar tal-assi. L-operaturi tal-UE jridu jieħdu miżuri biex jevitaw inkompatibbiltà bħal din, filwaqt li jqisu l-possibbiltà li, wara l-1 ta' Jannar 2021, il-politiki rispettivi tal-UE u tar-Renju Unit f'dak li jirrigwarda l-miżuri restrittivi jistgħu jvarjaw b'mod li jippermetti li jintużaw il-fondi trasferiti. Huwa fil-kompetenza tal-NCA li tivverifika jekk, u li tissodisfa lilha nnifisha, l-azzjonijiet li jirriżultaw f'bidla fil-post ta' kont iffriżat lejn ir-Renju Unit ma jirriżultawx f'li jippermetti l-użu tal-fondi jew li tevita l-iffriżar tal-assi.**

- (3) L-operaturi ekonomiċi tal-UE huma meħtieġa li jinfurmaw “immedjatament” lill-NCA u lill-Kummissjoni dwar bidlet bħal dawn li jaffettaw il-kontijiet u lammonti ffriżati u li jikkooperaw mal-NCA fil-verifika ta’ informazzjoni bħal din.

Magħmul fi Brussell, 27.5.2021

*Għall-Kummissjoni
Mairead McGUINNESS
Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità
KUMMISSJONI EWROPEA